*- provvediment li jordna l-waqfien tal-proċedimenti*

*- jekk hux digriet jew sentenza*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rikors Nru. 212/2020 GM**

**MPM Capital Investments Limited [C46783]**

**vs**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' MPM Capital Investments Limited tal- 31 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu talbet ir-revoka tal-pronunzjament tagħha tal- 5 ta' Novembru 2021 li peremzz tiegħu ħalliet din il-kawża 'sine die' sakemm il-Qorti tal-Appell tippreżenta sentenza fil-proċeduri ordinarji bejn l-MPM Capital Investments Limited u l-FIAU, u r-riappuntament ta' din il-kawza;

Rat ir-risposta tal-intimati li approvaw it-talba billi l-pronunzjament imsemmi hu sentenza, u li allura trid tiġi segwita l-proċedura appożita biex tiġi mpunjata u mhux talba għar-revoka bħalma għamlet is-soċjeta` rikorrenti.

Illi din il-Qorti ma taqbilx li l-provvediment tagħha huwa sentenza, kif jirreferu għaliha l-Avukat tal-Istat u l-FIAU u wkoll is-soċjeta` rikorrenti, għaliex ma jiddisponix mill-mertu jew minn parti minnu jew minn xi ostaklu li joqtol il-proċeduri. Pjuttost huwa "digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti" kif imsemmi fl-Art. 229(2)(e) tal-kodiċi ritwali, u kif ikkunsidratu l-Onorbabbli Qorti tal-Appell in re : Lorenzo Dimech vs Giuseppi Dimech (08/02/1960, komposta minn Av. Anthony Mamo (President) A.J. Montanro Gauci, u William Harding) (Kollez. XLIV.i.50). Digriet dan illi mhux biss jista' jiġi – bil-peremss tal- Qorti – appellat anke qabel is-sentenza definittiva, imma wkoll jiġi revokat jew mibdul minn din il-Qorti sal-lum. Dan iżda jrid isir fit-terminu ta' 6 ijiem mill-jum li bih id-digriet ikun inqara bil-miftuħ mill-Qorti. Id-digriet ingħata fil-15 ta' Novembru 2021. Ir-rikors ġie ppreżentat fil-31 ta' Jannar 2022 u għalhekk ferm wara l-iskadenza kkontemplata mil-liġi ritwali (Art 229 (4)).

Anke li kieku l-provvediment 'de quo' kien tabilħaqq sentenza, din ma setgħetx tkun revokata minn din il- Qorti stess.

Għal dawn il-motivi l-Qorti m' għandhiex triq oħra għajr li tiċħad ir-rikors.

Mogħti kameralment illum 21 ta' April 2022

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF